MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta ta' l-1 ta' Dicembru, 2006

Appell Civili Numru. 28/1988/1

**Michael Camilleri bhala legittimu rapprezentant ta' ibnu minuri Wayde Camilleri, u b'nota pprezentata fl-14 ta' Gunju 1990 l-imsemmi Wayde Francis Camilleri assuma l-atti tal-kawza f'ismu proprju peress li sar magjorenni**

**v.**

**Id-Direttur ta' l-Edukazzjoni u t-Tabib Principali tal-Gvern.**

**Il-Qorti:**

**Preliminari**

**1.** Dan hu appell minn sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri fl-1 ta’ April 2003, u tirrigwarda talba ghal dikjarazzjoni ta’ responsabbilta` u hlas ta’ danni in segwitu ghal incident li sehh fi skola f’Ghawdex f’Ottubru ta’ l-1986. Ghall-ahjar intendiment ta’ l-odjerna sentenza, ser tigi riprodotta fl-intier taghha s-sentenza appellata, peress li din tikkontjeni l-fatti li taw lok ghal dan l-incident – fatti li, fir-realta`, ma tantx hemm kontestazzjoni dwarhom – kif ukoll ir-ragunament tal-ewwel Qorti li wassalha biex tichad it-talbiet attrici. Dik is-sentenza tghid hekk:

“Fic-citazzjoni tieghu l-attur ippremetta:

“Illi Michael Camilleri huwa missier u bil-ligi l-legittimu rapprezentant ta’ ibnu Wayde Camilleri;

“Illi fit-8 ta’ Ottubru 1986, waqt illi l-imsemmi Wayde Camilleri kien ghal-lezzjoni ta’ l-iskola tas-snajja ta’ Victoria, Ghawdex, u partikolarment meta kien qed jezercita ruhu fuq vettura, huwa gie ferut f’ghajnu x-xellugija b’bicca hadida li taret mill-istess vettura;

“Illi sussegwentement Wayde Camilleri gie rikoverat fl-Isptar Craig, fejn minkejja li gie ezaminat, ma giex moghti kura adegwata u opportuna ghall-griehi sofferti minnu;

“Illi konsegwenza ta’ dan l-incident, l-attur nomine sofra debilitazzjoni permanenti fil-funzjoni ta’ ghajnu x-xellugija, bil-konsegwenzi li din iggib maghha;

“Illi dan l-incident gara minhabba negligenza u traskuragni da parti tal-konvenut jew min minnhom;

“Illi minkejja diversi interpellazzjonijiet il-konvenuti qed jirrifjutaw li jhallsu lill-attur nomine kumpens gust u adegwat ghad-danni sofferti minnu;

“TALAB, ghaliex m’ghandhiex il-Qorti:

“1. tiddikjara lill-konvenuti jew min minnhom responsabbli ghad-danni sofferti mill-attur nomine konsegwenza ta’ l-incident imsemmi;

“2. tillikwida dawn id-danni anki permezz ta’ periti li jigu nominati ghal dan il-ghan minn din il-Qorti;

“3. tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom sabiex ihalsu lill-attur nomine d-danni hekk likwidati.

“Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali mibghuta lill-konvenuti f’Novembru 1987.

“Il-konvenuti huma mharkka ghas-subizzjoni.

“Rat id-dikjarazzjoni guramentata, u l-lista tax-xhieda.

“Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Direttur tal-Edukazzjoni li eccepixxa li:

“1. kwantu diretti kontra l-esponenti t-talbiet tal-attur huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-incident imsemmi fic-citazzjoni ta’ l-attur ma garax minhabba xi negligenza jew traskuragni da parti tieghu u ghalhekk huwa ma jirrispondix ghad-danni;

“2. minghajr pregudizzju ghall-premess l-incident imsemmi fic-citazzjoni ta’ l-attur, jekk gara, gara unikament fuq responsabbilita’ ta’ iben l-attur stante li, kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza, iben l-attur, persuna li fiz-zmien ta’ l-incident kienet ta’ eta ‘l fuq minn erbatax il-sena u ghalhekk tenuta kemm mill-ligi kriminali kif ukoll minn dik civili bhala persuna pjenament responsabbli ghal ghemilu, agixxa negligentement u bi ksur ta’ l-istruzzjonijiet moghtija lilu mill-instructor tieghu u minghajr il-permess ta’ l-istess instructor ghamel uzu minn ghodda mhux adattata ghax-xoghol li ghalih kellu juza biss idejh;

“Salvi eccezzjonijiet ohra u bl-ispejjez.

“Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut u l-lista tax-xhieda annessa.

“Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut it-Tabib Principali tal-Gvern li eccepixxa li:

“1. preliminarjament c-citazzjoni hija nulla billi, kwantu jikkoncerna l-esponenti m’hemmx indikat fiha ness ta’ kawzalita’ bejn l-att dannuz u l-agir ta’ l-esponenti;

2. ukoll preliminarjament u subordinatament ghall-ewwel eccezzjoni c-citazzjoni ta’ l-attur hija wkoll nulla stante illi permezz ta’ citazzjoni wahda l-attur qieghed jezercita zewg azzjonijiet differenti u b’zewg kawzali differenti;

3. subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess it-talbiet tal-attur kwantu diretti kontra l-esponent huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi d-danni allegatament sofferti ma gewx kawzati fuq responsabbilita’ tal-konvenut li ghalhekk ma jirrispondix ghalihom;

“Salvi eccezzjonijiet ohra u bl-ispejjez.

“Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenut u l-lista tax-xhieda.

“Ezaminat ix-xhieda;

“Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza nkluzi n-noti tal-osservazzjonijiet u r-relazzjoni tal-abbli perit legali nominat, l-Avukat Alfred Grech.

“Ikkunsidrat:

“Illi qabel jigi trattat il-meritu hemm zewg eccezzjonijiet preliminari li ghandhom jigu diskussi l-ewwel u qabel l-meritu proprju: dawn jolqtu l-validita` tac-citazzjoni filli l-konvenut it-Tabib Principali tal-Gvern qieghed jecepixxi n-nullita` tac-citazzjoni fuq zewg fatturi – wahda li m’hemmx in-ness ta’ kawzalita` bejn l-att dannuz u l-agir tal-esponenti; it-tieni stante li permezz ta’ citazzjoni wahda l-

attur qiegħed jezercita zewg azzjonijiet differenti u b’zewg kawzali differenti. Fid-dikjarazzjoni guramentata tieghu dan il-konvenut espanda fuq tali nullita` billi fl-ewwel lok jghid li l-incident li qed jirreferi ghalih l-attur fil-paragrafu erbgha tad-dikjarazzjoni tieghu ma huwiex identifikat u l-attur ma stabilixxa ebda ness ta’ kazwalita` bejn id-dannu soffert minn iben l-attur u l-agir ta’ dan il-konvenut; fit-tieni lok jaserixxi n-nullita minhabba li hemm esercitat zewg azzjonijiet differenti u b’zewg kawzali differenti. Issa l-ligi in materja tesigi li c-citazzjoni ghandu jkun fiha mfissra car u sewwa l-oggett u r-raguni tat-talba. Dan ghandu jirrizulta mic-citazzjoni jew anka mid-dikjarazzjoni jekk il-kawzali ma tkunx imfissra cara bizzejjed fic-citazzjoni.  Fil-kaz in disamina, anka mic-citazzjoni *ut sic*, il-Qorti assolutament mhux qeghdha tirriskontra l-allegata nullita`, la minhabba xi nuqqas ta’ ness ta’ kawzalita`, u l-anqas minhabba xi multiplicita` tal-azzjoni.  Il-fatti *sic et simpliciter* huma illi l-attur qieghed jirreklama danni minghand il-konvenuti jew min minnhom minhabba xi allegata negligenza taghom jew ta’ xi wiehed minnhom li kkawzatlu debilita permanenti fil-persuna tieghu. Esperixxa kwindi l-azzjoni odjerna biex jigi risarcit u mhallas d-danni. Hawnhekk din il-qorti qeghdha taghmel taghha dak deciz mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fil-kawza *Moore v Falzon et* (Vol.XXXIX.ii.807) fejn intqal li “l-artikolu 155(1) – illum 156(1) - irceva mill-gurisprudenza interpretazzjoni larga fis-sens li ma giex adottat ir-rigur li donnhom iridu jfissru l-kliem li bihom dik id-disposizzjoni hi koncepita. Ghalhekk gie ritenut illi l-ligi ma tirrikjedix liema partikolari jrid ikun fiha c-citazzjoni; basta li jkun qed jifhem x’ikun qed jitlob l-attur b’mod illi l-kawzali tista’ tkun espressa lakonikament u sahansitra tista’ tkun anki ndotta mid-domandi” - ukoll u fl-istess vena *Camilleri v Abdilla* (Vol XXIX.ii.698) u *Joseph Xerri v Victor J.Borg pro et noe* (Appell deciz 16 ta’ Gunju 1997). Issa c-citazzjoni in meritu hija mhux biss espressa b’mod li jista’ jifhem ezattament x’qed jitlob l-attur, bil-konsegwenza li bl-ebda mod ma jista’ jigi ventilat li tikkostitwixxi pregudizzju ghad-difiza, izda wkoll, u sakemm hija diretta kontra zewg konvenuti, hija rizultat ta’ fatt komuni dirett lejn iz-zewg konvenuti (id-debilita` li garrab f’ghajnejh) ghal liema l-konvenuti jistghu talvolta

jkunu tenuti jirrispondu, jew min minnhom, jew solidalment.

“Ikkunsidrat:

“Illi in konessjoni mal-meritu proprju ma jidhirx li hemm kontestazzjoni dwar li l-imputat, li allura kellu ‘l fuq minn erbatax il-sena pero` inqas minn tmintax il-sena, wegga’ meta bhala student kien qieghed jattendi l-lezzjoni tal-awto-enginerija fl-iskola tas-snajja tas-subien, Victoria, Ghawdex, liema klassi kienet qeghdha titmexxa mill-ghalliem Emmanuel Grech. Li gara hu li f’xi hin matul il-lezzjoni is-surmast illarga f’kamra adjacenti, estensjoni mill-istess ambjenti tal-klassi, sabiex jissorvelja xi impjegati tad-Dipartiment tax-Xoghlijiet li kienu marru proprju f’dak il-hin biex jaghmlu xi xoghlijiet. L-incident sehh fil-waqt li l-attur kien qieghed jipprattika fuq “gear box” u taret bicca metal li ffikkat ruhha f’ghajnejh ix-xellugija. L-espert mediku nominat ikkonkluda illi ‘the central vision of the left eye is severely damaged’ u ddetermina d-disabilita` fi grad ta’ tletin fil-mija (folio 314) li tidher konsoni mal-entita` tad-dannu subit konsiderat li l-vizwali tieghu wara l-incident twassal sal-ponot ta’ subghajh biss.

“Illi l-ewwel ma trid tigi investita hi l-kwistjoni tar-responsabilita`. L-attur jikkontendi li kien hemm in-negligenza tad-Direttur ta’ l-Edukazzjoni fl-incident inizjali u seta’ kien hemm anki negligenza kontributorja da parti tat-Tabib Ewlieni tal-Gvern. Hu indirizza l-azzjoni fil-konfront ta’ dawn iz-zewg persuni.

“Illi l-abbli perit legali, l-Avukat Dottor Alfred Grech, sab responsabilita` fid-Direttur ta’ l-Edukazzjoni minhabba nuqqas ta’ sorveljanza adegwata mill-ghalliem, impjegat tal-istess Dipartiment, stante li ta’ l-ahhar, ghajr li ma kienx ra lill-attur juza ebda ghodda, seta’ induna li l-attur kien qieghed juza martell biex jisforza d-dhul tax-shaft meta kien sintomatiku li jekk kellha tintuza xi ghodda l-mezz idoneju ma kienx il-martell izda mazza tal-lastiku. F’dan l-isfond l-attur jikkontendi li r-responsabilita` tad-Dipartiment tal-Edukazzjoni hija lampanti filli kellhu mhux

biss jipprovdi izda jassikura li mezzi idonei, adegwati u sikuri kellhom ikunu ghad-disposizzjoni tal-ghalliem biex tigi salvagwardjata l-inkolumita` tal-istudenti.

“Illi l-istess abbli perit legali mill-banda l-ohra ma rriskontra ebda responsabilita` fit-Tabib Ewlieni tal-Gvern minkejja t-traskuragni rizultanti fil-fazijiet inizjali tal-medikazzjoni stante li din it-traskuragni ma kellha ebda incidenza fuq il-gravita` tal-incident li fattwalment kien gja pperfora l-lenti tal-ghajn. L-attur fir-rigward jidher li qabel ma’ dawn ir-rizultanzi fattwali sakemm kienu jirrigwardaw dan il-konvenut.

“Ikkunsidrat:

“Illi fil-kuntest ta’ dan jibqa’ allura li jigi finalment determinat il-punt dwar r-responsabilita` tal-ewwel konvenut, id-Dipartiment tal-Edukazzjoni, u dan fid-dawl tan-normi legali li jikkontradistingwu l-*culpa* skond il-precetti tal-ligi nostrali. Qeghdin fil-kamp tal-‘kulpa akwiljana’ li hi trattata fit-titolu “Fuq id-delitti u l-Kwazi-Delitti” fl-artikoli 1029 et sequitur tal-Kodici Civili fejn is-sens prevalenti hu li kull wiehed iwiegeb ghall-hsara li tigri bi htija tieghu meta jirrizulta li fl-ghemil tieghu ma juzax il-prudenza, id-diligenza, u l-hsieb ta’ missier tajjeb tal-familja (artikolu 1032) jew li jkun ghamel jew naqas li jaghmel xi haga li biha jikser xi dmir impost mill-ligi (artikolu 1033). F’din l-ahhar ipotesi d-dannegjat irid ikun ikkommetta vjolazzjoni jew trasgressjoni ta’ dover li jimporta li “quando si parla di colpa per omissione, si deve intendere la trasgressione di un dovere per il quale taluno era in obbligo di fare quello che non fece, giusta l’aforisma ‘qui non facit quod facere debet videtur facere adversus ea quae non facit’ (Giorgi - Obbligazioni Vol V pag 151). U fil-kaz in disamina qeghdin wkoll fil-kamp tal-*culpa in eligendo vel vigilando* trattassi minuri ‘l fuq minn erbatax-il sena li sofra debilita’ permanenti f’ghajnu x-xellugija waqt li kien fil-kustodja tal-ghalliem fi hdan id-Dipartiment tal-Edukazzjoni.

“Illi ftit hemm xi tghid dwar il-fatti li jinsabu ben delinejati mill-provi prodotti u fejn allura jinsab pruvat li: l-minuri

wegga' waqt lezzjoni meta kien qieghed izarma shaft ta' gear box; li fil-hin li wegga' l-ghalliem kien illarga f'kamra fl-istess ambjenti; li l-attur uza martell tal-hadid; li taret farka metal li ippenetrat l-lenti ta' ghajnu ix-xellugija; li dan it-tip ta' martell ma kellux jigi uzat billi l-arti u s-sengha titlob li jintuza martell tac-comb jew tal-lastiku; li l-klassi ma kinitx provvista b'dan l-ahhar tip ta' martell.

"Illi applikati l-fatti imsemmija ghar-responsabilita` tal-konvenut id-Direttur ta' l-Edukazzjoni ghandu jirrizulta li difficilment tista' tinstab din ir-responsabilita` filli hu naqas li jagixxi bhala *bonus pater familias* stante li l-incident ma setax ikun minnu prevedibbli. Taht dan l-aspett ghandu jkun car li "the possibility of danger emerging was only a mere possibility which should never occur to the mind of a reasonable man" (*Bolton v Stone* – 1951 – citata mill-Prim Awla fil-kawza: *Farrugia v Polidano* – deciza fil-25 ta' Frar 1967 u riportata Vol.L p.ii pag 602). Hu wkoll altrettant difficili li treggi r-responsabilita' tieghu abbazi tal-*culpa in eligendo* stante li mill-provi imkien ma jirrizulta li l-ghalliem kien inkompetenti jew li l-principal ma kellux x'jahseb li hu ma kienx ta' hila. Ma rrizultax, per esempju li tul il-15 il-sena li l-ghalliem kien ilu jghallem f'din l-iskola kien involut f'xi incident ta' traskuragni. Fuq kollox l-ghalliem mhux il-persuna citata u anke jekk fic-cirkostanzi xi negligenza tista' talvolta tigi lilu attribwita fil-kapacita` tieghu personali mhux il-kaz li allura necessarjament isegwi li xi htija tista tirritorci fuq id-Direttur tal-Edukazzjoni. Dan jinghad kemm ghaliex kull prova fl-ambitu ta' l-artikolu 1037 tal-Kodici Civili trid tigi pruvata u ma tistax tigi presunta u kemm ghaliex trirrikjedi l-prova oggettiva (ara *Tabib Joseph R. Grech v Kummissarju tal-Pulizija* Vol.LXXII.i.199 u *A.Azzopardi v G.Vaudeey* Vol.XXVI.i.472).

"Ghalhekk tiddisponi mill-kawza billi:

"1. tichad l-ewwel u t-tieni talba dwar in-nullita tac-citazzjoni tal-konvenut it-Tabib Principali tal-Gvern;

"2. tichad l-ewwel talba u konsegwentement it-tieni u t-tielet talba tal-attur;

"3. Tilqa' l-eccezzjonijiet fuq il-meritu tal-konvenut id-Direttur tal-Edukazzjoni, kif ukoll it-tielet eccezzjoni tat-Tabib Principali tal-Gvern.

"L-ispejjez fic-cirkostanzi jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet bl-ispejjez tar-registru ghall-attur."

**L-appell tal-attur**

**2.** Minn din is-sentenza appella l-attur permezz ta' rikors datat 21 ta' April 2003. Ghalkemm l-appellant jaqbel li, fis-sustanza, il-fatti sehhew kif espost fis-sentenza, huwa ma jaqbilx ma' l-interpretazzjoni taghhom moghtija mill-ewwel Qorti. L-ilment ta' l-appellant huwa, tista' tghid enkapsulat fis-segwenti paragrafu tar-rikors ta' appell:

**"Ir-responsabbilta` tad-Dipartiment tal-Edukazzjoni tirrizulta minn nuqqasijiet lampanti ta' diversi dmirijiet li jinkombu fuqu u dan peress illi naqas milli jipprovdi lill-ghalliem u lill-istudenti mezzi sufficjenti u adegwati ghall-fini tal-istruzzjoni ta' l-istudenti."**

**3.** L-appellant qieghed ghalhekk jitlob li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi, filwaqt li tikkonfermaha f'dik il-parti fejn cahdet l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut Dipartiment tas-Sahha [<u>recte</u>: Tabib Principali tal-Gvern], thassarha in kwantu laqghet l-eccezzjonijiet tad-Dipartiment tal-Edukazzjoni [<u>recte</u>: Direttur ta' l-Edukazzjoni] u cahdet it-talbiet attrici u, minflok, tichad dawk l-eccezzjonijiet u tilqa' t-talbiet tieghu b'mod ghalhekk li d-Direttur ta' l-Edukazzjoni jigi ritenut responsabbli skond l-ewwel talba u tillikwida d-danni sofferti; jew, alternattivament tiddikjara tali responsabbilita` ghad-danni u tirrinvija l-atti lill-ewwel Qorti sabiex din tikkunsidra t-talbiet l-ohra. Fi kliem iehor, l-appell huwa indirizzat biss fil-konfront tad-Direttur ta' l-Edukazzjoni.

**4.** L-appellati, bir-risposti taghhom, qed jikkontendu li s-sentenza ta' l-ewwel Qorti hija gusta u timmerita konferma.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

**5.** Tajjeb li qabel xejn jigu rikapitolati l-fatti saljenti ta' din il-kawza, dwar liema fatti, kif diga` nghad, ftit li xejn hemm kontestazzjoni. Dawn huma:

1. L-attur kien student fl-Iskola tas-Snajja ta' Victoria, Ghawdex.

2. Fit-8 ta' Ottubru 1986 l-attur wegga' meta bicca hadida taret u laqtitlu ghajnejh b'rizultat li sofra griehi.

3. Fid-data ta' l-incident l-appellant kellu sittax-il sena u kien qieghed fit-tieni sena ta' kors ta' tlett snin sabiex igib il-kwalifiki ghal *motor mechanic*.

4. Fil-hin ta' l-incident kien qieghed izarma u jerga' jarma *gear box*, u fil-hin li sehh l-incident kien qieghed isammar b'martell tal-hadid. Il-martell uzah biex idahhal *shaft* tal-*gear box*.

5. L-ghalliem kien Emmanuel Grech, u fil-hin li sehh l-incident ma kienx prezenti fil-klassi. Hu kien illarga ftit ghal go kamra hdejn dik fejn kien l-appellant peress li kien qieghed isir xi xoghol minn haddiema tad-Dipartiment tax-Xogholijiet. L-ghalliem ma kienx qal lill-appellant biex juza l-martell.

6. L-istudenti ma kellhomx taghmir ta' sigurta`.

7. B'rizultat tal-griehi li garrab f'dan l-incident, l-appellant sofra makkjatura fil-cornea u tnaqqsitlu l-vista.

**6.** Din il-Qorti ezaminat l-atti kollha u semghet ukoll is-sottomissjonijiet tal-abbili difensuri tal-partijiet fl-udjenza tat-12 ta' Ottubru 2006. L-appell, kif diga` gie osservat, huwa ndirizzat biss fil-konfront tad-Direttur ta' l-Edukazzjoni in kwantu l-appellant qieghed isostni li l-post fejn sehh l-incident (fil-*workshop* tal-Iskola tas-Snajja ta' Victoria, Ghawdex) ma kienx armat bil-mezzi mehtiega ghas-sigurta` personali ta' min jaghmel uzu minnu, u

sahansitra l-ghalliem kien tqieghed f'posizzjoni li filwaqt li qieghed imexxi lezzjoni kellu jissorvelja haddiema tal-Public Works u b'hekk fil-hin ta' l-incident kien hemm nuqqas ta' supervizjoni.

**7.** Min-naha taghhom l-appellati jargumentaw bazikament illi l-incident sehh bi htija ta' l-appellant in kwantu:-

(a) Ghal dak li kienu qeghdin jaghmlu l-istudenti ma kienx hemm il-htiega li jintuza martell; u

(b) L-appellant ghamel uzu mill-martell tal-hadid kontra d-direttiva tal-ghalliem.

**8.** Issa, biex jirnexxi, l-appellant irid jaghti prova li l-agir jew l-ommissjoni tal-appellat kien dak li wassal biex sehh l-incident u biex huwa wegga'. Huwa principju ta' dritt illi min jallega li sofra hsara bi htija ta' xi hadd *"e` nell'obbligo di provare un fatto od una omissione che porti insita la prova della colpa che egli imputa all'altro perch`' la colpa deve assumere una forma materiale e specifica quando viene imputata ad altri come causa di danni"*. (Vol. XXIV.i.893).

Fl-ordinament guridiku taghna ma nsibux provvedimenti tal-ligi li jirregolaw ir-responsabbilta` ta' l-awtoritajiet, kemm dawk edukattivi u m'humiex. Ghalhekk wiehed ghandu jirreferi ghan-normi generali li nsibu fil-Kodici Civili. Ir-responsabbilta` amministrattiva f'Malta hija wkoll regolata, ghall-anqas sa issa, mid-dritt privat, kuncett dan li gie applikat minn din il-Qorti (diversament komposta) fil-kawza fl-ismijiet **Elmo Insurance Services Ltd nomine v. PC 537 Joseph Micallef et** deciza fil-5 ta' Ottubru 2001. Dan il-kaz li kien jitratta incident stradali fejn il-Kummissarju tal-Pulizija gie ritenut responsabbli ghad-danni minhabba li kien ipprovda lill-konvenut l-iehor b'vettura li kellha brejkijiet difettuzi. Il-Qorti fl-imsemmija sentenza kienet osservat hekk:

**"Jekk l-appellant Kummissarju tal-Pulizija qieghed jissuggerixxi fis-sottomissjonijiet tieghu li l-amministrazzjoni pubblika ma kienetx responsabbli**

**taht il-ligi ordinarja u ghalhekk ma kienetx soggetta ghall-principjpi generali tal-Kodici Civili jew ta' ligijiet ohra dwar responsabilita` kontrattwali u kwazi delittwuza fil-konfront tac-cittadin privat, u li bihom tinholoq relazzjoni gjuridika, din il-Qorti ma tistax ma tinnotax li dawn huma koncetti guridici ormai felicement sorpassati. Filwaqt li s-sistema nostran indubbjament jirresponsablizza wkoll lill-impjegat fl-amministrazzjoni pubblika u tassoggettah personalment ghar-responsablita` personali u konsegwenzjali ghall-agir tieghu fil-qadi tad-doveri tieghu, dan ma jfissirx illi l-Istat ma jistax ukoll, f'cirkostanzi kongruwi, jkun ukoll responsabbli wahdu jew flimkien ma' l-impjegat tieghu ghal tali danni. Dan proprju bhala konsegwenza ta' mal-amministrazzjoni provata jew inadegwatezza amministrattiva li tkun tammonta ghal traskuragni, negligenza jew inosservanza ta' dawk in-normi li l-amministrazzjoni xierqa ta' hwejjeg pubblici kienet tissuggerixxi u li n-nuqqas ta' tharis taghhom seta' jkun il-kawza ta' dannu lic-cittadin. Din il-Qorti allura tirritjeni li r-responsablita` amministrattiva f'Malta, ghalkemm tifforma parti mid-dritt pubbliku, kienet ukoll regolata minn dawk il-provvedimenti fid-dritt privat u cioe` fid-dritt ordinarju li kienu applikabbli ghac-cittadin privat sakemm il-ligi ma kienetx specifikatament tezenta lill-amministrazzjoni pubblika minn tali responsabilita`."**

Ghalhekk, bla dubju kien l-obbligu tal-appellat Direttur ta' l-Edukazzjoni li jipprovdi ambjent adegwat ta' sigurta` ghall-istudenti gewwa l-iskejjel. Huwa kien responsabbli biex jara li, fost affarijiet ohra:

-  Tigi ezercitata kura u supervizjoni ragonevoli sabiex jigu protetti l-istudenti minn perikli li huma prevedibbli;
-  Issir manutenzjoni tal-proprjeta` u l-makkinarju tal-iskola sabiex ikunu 'l boghod mill-periklu u ma jkollhomx difetti li jistghu jikkagunaw hsara;
-  L-istudenti jinghataw taghmir ta' sigurta` fejn ikunu involuti f'attivita` li hija potenzjalment perikoluza, bhal per ezempju xoghol ta' l-injam jew esperiment xjentifiku. Inoltre, laboratorji u *workshops* ghandhom ikunu attrezzati

b'ghodda addattata sabiex l-istudenti jkunu jistghu jwettqu l-ezercizzji li jitolbuhom jaghmlu l-ghalliema.

Fil-kaz in dizamina rrizulta li:

(a) Fil-hin li sehh l-incident, l-appellant kien qieghed isammar b'martell tal-hadid waqt li kien qieghed jarma *gearbox*.
(b) Fil-*workshop* ma kellhomx martell tal-lastiku jew tac-comb[1].
(c) L-istudenti ma kellhomx taghmir ta' sigurta` (e.z. maskri ghal waqt dan ix-xoghol).
(d) L-ghalliem kien illarga ghal ftit mumenti minn fejn kienu l-istudenti u mar f'kamra biswit fejn kienu qeghdin isiru xogholijiet minn haddiema tad-Dipartiment tax-Xogholijiet.
(e) L-ghalliem ma kienx qal lill-istudenti biex ghal dan l-ezercizzju jaghmlu uzu jew ma jaghmlux uzu minn martell tal-hadid. Il-fatt hu li dan il-martell kien fuq il-mejda fejn kien qieghed jahdem l-appellant.

**9.** Il-fatt li ghal xi hin l-ghalliem illarga mill-*workshop* u kien f'dak il-mument li sehh l-incident, ma jidhirx li jista' jitfa' xi htija fuq l-appellant. Jidher bic-car li din kienet inizjattiva personali tal-ghalliem li beza' li tittiehed xi ghodda fejn kien qieghed isir ix-xoghol. Fil-fatt Ganni Fenech, li kien student, xehed: *"Emanuel Grech kien jghidilna li hu responsabbli mill-ghodda u jekk tonqos xi haga jkun responsabbli hu"*. Wiehed jifhem il-preokkupazzjoni ta' l-ghalliem li jekk ma jzommx ghajnejh fuq il-haddiema setghet tonqos xi ghodda. Pero` ma jirrizultax li huwa ta xi direttiva lill-istudenti biex jieqfu minn dak li kienu qeghdin jaghmlu sakemm jirritorna lura. Jidher ghalhekk li l-istudenti baqghu ghaddejjin bl-ezercizzju li kienu qeghdin jaghmlu fuq il-*gearbox* minghajr is-supervizjoni ta' l-ghalliem. L-ghalliem m'huwiex parti f'dawn il-proceduri, u ghalhekk kienx gustifikat jew le li jillarga mill-klassi hija kwistjoni li tohrog barra mill-meritu ta' dan il-kaz. Sa certu punt wiehed jista' jissimpatizza mal-ghalliem li kien inkwetat li tinsteraq xi ghodda pero` min-naha l-ohra fil-hin

[1] Ara xhieda ta' Carmelo Camilleri (fol. 249) u Charles Spiteri (fol. 252).

tal-lezzjoni l-kontroll qieghed totalment f'idejn l-ghalliem. Min-naha ta' l-awtoritajiet ta' l-iskola dawn ghandhom obbligu li jaghmlu supervizjoni tal-attivitajiet tal-istudenti, dover li jsir iktar qawwi waqt li l-istudent qieghed fil-klassi. Riskji ta' perikli huma previdibbli u l-grad ta' attenzjoni hija ikbar fejn persuni ta' eta' zaghzugha qeghdin jaghmlu uzu minn makkinarju u ghodod. L-awtoritajiet tal-iskola kellhom jassiguraw li l-ghalliema jitqieghdu f'posizzjoni li fil-hin tal-lezzjoni r-responsabbilta` taghhom tkun limitata u cirkoskritta sabiex jiehdu hsieb tal-istudenti, u mhux li jkollhom jitilfu, anke jekk ghal hin qasir, fuq affarijiet ohra.

**10.** Hemm ftit ta' konflitt ta' provi dwar jekk ghall-ezercizzju li kienu qeghdin jaghmlu l-istudenti kienx hemm bzonn li jintuza l-martell. Hekk, per ezempju, l-ghalliem (Emanuel Grech) xehed fis-seduta tat-13 ta' Mejju 1988 u spjega li parti minn dak li kienu qeghdin jaghmlu l-istudenti kien li *"jdahhlu s-shaft (li huwa main shaft) fil-gearbox u dan isir minghajr ma jkun hemm l-ebda htiega li jintuza martell"*. Min-naha l-ohra l-appellant xehed li l-ghalliem kien *"qalilna li jehtieg li nuzaw martell biex naqilawhom"*[2], ghalkemm f'seduta ohra kien xehed li kien uza l-martell *"mhux ghax it-teacher qalli specifikament biex nuza l-martell. Jiena kont naf li f'dak il-mument mhux dak il-martell kellek tuza"*[3]. Carmelo Camilleri, student li kien prezenti fil-klassi dakinhar li sehh l-incident xehed: *"..it-teacher ma qalilniex biex nuzaw jew ma nuzawx martell"*[4]. Mhux l-istess xehed Charles Spiteri li wkoll kien student fil-klassi, *"it-teacher kien qalilna li kellna nuzaw martell tal-plastic jew tac-comb sabiex ma taghmilx hsara lill-gearbox"*[5] u li qabel mar fil-kamra l-ohra qalilhom biex *"nohorgu martell u spanners"*. F'kull kaz, kienu x'kienu c-cirkostanzi, mill-provi rrizulta li fil-*workshop* fejn sehh l-incident:

(a) Il-martell kien jintuza tant li fis-seduta tat-13 ta' Mejju 1988 Emanuel Grech xehed: *"jien filghodu dejjem nohrog l-ghodda komuni, bhal tornaviti, tnalja,* ***martell*** *u erba'*

[2] Seduta tat-8 ta' Gunju 1988.
[3] Seduta tat-8 ta' Frar 1989.
[4] Seduta numru VI (fol. 249-250).
[5] Fol. 252.

*spanners, dejjem skond il-kaz. Jekk ikun hemm bzonn ta' xi special tools dawn nohroghom x'hin jinqala' l-bzonn. Naf li dakinhar tal-incident dawn l-ghodda kienu barra"*. Ghalhekk ladarba kien hemm martell dan kien qieghed hemm ghall-uzu tal-istudenti.

(b) Ma kienx hemm *goggles*[6].

(c) Ma kienx hemm martell tal-lastiku jew tac-comb[7].

**11.** L-Ewwel Qorti rragunat li l-incident in kwistjoni ma setax kien prevedibbli mill-appellat. Din il-Qorti ma taqbilx. Wiehed ghandu l-ewwel nett izomm quddiem ghajnejh li l-incident sehh f'*workshop* fejn l-istudenti jkunu qeghdin jaghmlu ezercizzji bl-ghodda. It-taghmir ta' sigurta` huwa proprju intiz sabiex jevita incidenti jew biex inaqqsu l-gravita` ta' feriti fejn isehh incident, u ghandu jigi nkoraggit proprju mill-iskejjel. Sahansitra l-ghalliem stess xehed: *"ahna fl-instructing nghaddu anke dawn s-safety measures li ghandhom jittiehdu. Dawn jikkonsistu filli nghidulhom fejn hemm il-first aid, l-mains, kif juzaw grinders, u li jridu jilbsu goggles meta juzawhom, biex meta jersqu qrib magna ddur inehhu l-ingravata jew idahhluha fil-qmis, li certi materjali jkunu brittle u ma tistax tuza ghodod fuqhom u oggetti simili"*[8]. L-uzu ta' taghmir ta' sigurta` ghandu jigi promoss, u fil-kazijiet li hekk jehtiegu anke impost, mill-gvern, organizazzjonijiet nazzjonali medici, assocjazzjonijiet ta' l-impjieg u tal-isport, skejjel u ohrajn. L-awtoritajiet ta' l-iskejjel ghandhom obbligu li jaddottaw il-mizuri kollha idoneji biex jipprotegu lill-istudenti, u huwa prevedibbli li jekk ma jittiehdux il-prekawzjonijiet opportuni jistghu jigru incidenti fejn iweggghu in-nies. Huwa proprju ghalhekk li l-appellat naqas, ghax naqas milli jipprovdi tali ambjent.

**12.** Mill-banda l-ohra, pero`, mill-provi jirrizulta li hemm certu element ta' nuqqas da parti tal-appellant in kwantu *ex admissis* huwa stqarr li kien jaf li *"f'dak il-mument mhux dak il-martell kellek tuza"*. Huwa minnu li mill-provi rrizulta li ma kienx hemm l-ghodda adattata, izda madankollu l-appellant xorta ghazel li jaghmel uzu mill-martell tal-hadid.

---

[6] Ara xhieda moghtija minn Charles Spiteri a fol. 252.
[7] Ara xhieda ta' Carmelo Camilleri a fol. 249 u Charles Spiteri a fol. 252.
[8] Seduta tat-13 ta' Mejju 1988.

Huwa fatt li fejn jidhlu t-tfal irid ikun hemm iktar attenzjoni mill-ghalliema in kwantu wiehed qed jitratta dwar ambjent fejn jista' jkun hemm element qawwi ta' ingenwita` u immaturita`. Madanakollu, mill-provi lanqas ma jirrizulta li l-istudenti kienu gew avzati li l-uzu ta' martell ta' hadid ma' hadid iehor jista' jkun ta' periklu, u anzi pjuttost jidher li huma gew avzati li martell tal-hadid ma kienx adattat biex ma ssirx hsara lill-*gearbox*. Ghalhekk jidher li ma jistax jinghad li hemm xi element ta' kontributorjeta` min-naha ta' l-appellant f'dan ir-rigward li ghandu jeffetwa sostanzjalment l-ezitu ta' din il-kawza, in kwantu mill-provi ma rrizultax li l-istudenti kienu gew avzati li l-uzu ta' martell tal-hadid f'dawn ic-cirkostanzi jista' jkun ta' periklu – it-twissija kienet pjuttost li tali uzu seta' jaghmel hsara lill-*gearbox*. Fuq is-suggett ta' kontributorjeta` ssir riferenza ghal dak li kkumenta Lord Denning fil-kawza **Froom v. Butcher** (1976):

**"Negligence depends on a breach of a duty, whereas contributory negligence does not. Negligence is a man's carelessness in breach of duty to others. Contributory negligence is a man's carelessness in looking after his own safety. He is guilty of contributory negligence if he ought reasonably to have foreseen that, if he did not act as a reasonable prudent man, he might hurt himself"**[9] (sottolinear ta' din il-Qorti).

**13.** Mill-provi jirrizulta li l-appellant gie espost indebitament ghall-perikolu in kwantu fl-iskola fejn sehh l-incident irrizulta li ma kienx hemm *goggles* li seta' jaghmel uzu minnhom l-istudent waqt li jkun qieghed jaghmel uzu mill-martell, li kif rajna kien wiehed mill-ghodod li kien hareg l-ghalliem dakinhar li sehh l-incident. Dan apparti mill-fatt l-iehor li mix-xhieda li taw studenti ohra lanqas jirrizulta li fil-workshop kien hemm martell tal-lastiku jew tac-comb. Fic-cirkostanzi ghalhekk l-appellat ghandu jwiegeb ghan-nuqqas tieghu in kwantu l-ommissjoni riskontrata kienet tikkostitwixxi ksur tar-regola bazika relattiva ghall-harsien tal-istudenti. Fil-fatt l-Artikolu 1003

[9] Sentenza rapportata fil-ktieb *The Modern Law of Negligence*, R.A. Buckley, Second Edition, Butterworths (1993) pagna 66.

tal-Kodici Civili jipprovdi li ghall-finijiet ta' htija huwa wkoll responsabbli min *"…… jonqos li jaghmel xi haga li biha jikser xi dmir impost mil-ligi"*. M'hijiex remota jew imprevidibbli li waqt li wiehed ikun qieghed isammar jistghu jtiru xi affarijiet li jolqtuh.

**14.** Stabbilita r-responsabbilta` tal-konvenut appellat Direttur tal-Edukazzjoni hija l-fehma ta' din il-Qorti li l-atti ghandhom jigu rinvjati lill-Ewwel Qorti ghall-fini tat-talba ghal-likwidazzjoni tad-danni u dana biex il-partijiet ikollhom il-possibilita` u beneficcju tad-doppju ezami dwar il-kwantum talvolta likwidat. L-interess tal-gustizzja f'dan il-kaz hekk jirrikjedi.

**<u>Decide</u>**

**15.** Ghall-motivi premessi, tilqa' l-appell fis-sens illi tirriforma s-sentenza appellata bil-mod segwenti, u cioe:

1. tikkonfermaha in kwantu cahdet l-ewwel u t-tieni talba [recte:eccezzjonijiet] dwar in-nullita` tac-citazzjoni tal-konvenut Tabib Principali tal-Gvern;
2. tikkonfermaha in kwantu laqghet it-tielet eccezzjoni tat-Tabib Principali tal-Gvern;
3. izda thassarha u tirrevokaha fil-bqija u minflok tilqa' l-ewwel talba tal-attur fir-rigward biss tad-Direttur tal-Edukazzjoni u tiddikjarah responsabbli ghad-danni sofferti mill-attur Wayde Francis Camilleri bhala konsegwenza tal-incident in kwistjoni, u tirrimetti l-atti lura lill-ewwel Qorti ghall-fini kif inghad, biex il-kawza titkompla skond il-ligi.

L-ispejjez, kemm ta' l-ewwel kif ukoll ta' din l-istanza ghandhom jithallsu mill-appellat Direttur tal-Edukazzjoni hlief dawk tal-konvenut Tabib Principali tal-Gvern inkorsi fl-ewwel istanza li ghandhom jibqghu a karigu tal-istess Tabib Principali tal-Gvern.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------